**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**Nota għall-Eżaminaturi**

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur u l-kandidat.

Kull kandidat jingħata tliet temi għad-diskussjoni u l-kandidati jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidat ma jkunx jaf x'se jaqbad jgħid, l-eżaminatur għandu jgħinu jesprimi ruħu fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsih xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuh ikompli jiddiskuti s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminatur għandu joqgħod attent li ma jispiċċax jitkellem hu biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn qegħdin biss bħala gwida għall-eżaminatur u għalhekk, l-eżaminatur jista' jvarja kemm irid billi jżid u jnaqqas kemm jogħġbu, u jibda minn fejn irid.

Il-marka tal-oral hija **10%** tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

**a. L-iżvilupp tal-ħsieb u r-relevanza tematika (4 marki)**

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/mas-suġġett

**b. L-espressjoni (6 marki)**

- l-użu tal-Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

GĦALL-UŻU TAL-EŻAMINATURI

## 1. Il-ħtieġa ta' arja nadifa

- Kemm taħseb li aħna konxji tal-importanza li jkollna arja nadifa?
- Xi jwassal għal nuqqas ta' arja nadifa?
- L-effetti tat-tniġġis fl-arja
- Xi prekawzjonijiet nistgħu nieħdu biex jonqos dan it-tniġġis?
- L-edukazzjoni biex l-arja ta' madwarna nieħdu ħsiebha
- X'tista' tagħmel inti fir-raħal/fil-belt tiegħek biex tqajjem kuxjenza akbar favur arja nadifa?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**2. L-użu tat-teknoloġija fid-dar**

- Progress f'kull qasam tal-ħajja – il-ħajja saret mgħaġġla wisq
- Ħafna apparat fid-dar biex inaqqas it-tbatija u jħaffef ix-xogħol tad-dar
- Bidla fl-istil tal-ħajja fil-familja
- Kumdità akbar fid-dar – meħtieġa aktar finanzi
- Dipendenza kbira fuq l-elettriku – x'jiġri meta jinqata' d-dawl
- Inċentivi biex isir investiment f'teknoloġiji li jiġġeneraw l-elettriku mix-xemx jew mir-riħ

**3. Il-logħob tan-nar**

- Waħda mill-karatteristiċi tal-festi Maltin
- Issib ħafna dilettanti jaħdmu n-nar, minn żgħażagħ sa xjuħ
- Piki bejn l-irħula
- Kompetizzjonijiet barra minn Malta
- Xogħol perikoluż ħafna – spiss isseħħ xi traġedja
- Abbużi u nuqqas ta' attenzjoni jew kunfidenza żejda max-xogħol
- Aktar tagħlim, kontroll fil-kmamar tan-nar u infurzar tal-liġijiet
- Taħseb li huwa ħela ta' ħin u ta' flus?

**4. L-iskart f'pajjiżna**

- Problema ta' kull pajjiż
- Taħseb li sirna konxji meta l-problema kibret wisq?
- Liġijiet infurzati biex tiġi kkontrollata l-problema
- Is-separazzjoni tal-iskart fid-djar – il-ġbir tal-iskart qed isir sewwa?
- Ir-riċiklaġġ – x'inhuma l-vantaġġi tiegħu?
- Tagħlim u edukazzjoni liż-żgħar u lill-kbar

**5. L-iskarsezza tal-ilma f'Malta**

- Problema li kienet minn dejjem – riżorsa essenzjali għall-ħajja
- Il-ħela tal-ilma – kif, fejn, għaliex?
- L-iżvilupp u l-progress tal-ħajja żied aktar l-użu tal-ilma
- Il-bidla fil-klima kompliet żiedet il-problema
- Ħafna mill-ilma tax-xita ma niġbruhx – l-importanza tal-widien
- L-agrikoltura – spieri (*boreholes*) illegali – l-infurzar tagħhom bil-liġijiet
- Ir-*reverse osmosis* – soluzzjoni?
- Sehem l-edukazzjoni biex nitgħallmu nibżgħu għall-ilma

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# IL-ĦTIEĠA TA' ARJA NADIFA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-UŻU TAT-TEKNOLOĠIJA FID-DAR

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# IL-LOGĦOB TAN-NAR

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-ISKART F'PAJJIŻNA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM 22/Iok.13s

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-ISKARSEZZA TAL-ILMA F'MALTA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | I |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2013 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa nofsinhar |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

1. IL-KOMPONIMENT (15-il marka)

*Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti:*

a. Kull bidu huwa tqil

b. Il-mowbajl – xkiel jew għajnuna?

ċ. Il-ħajja rutina waħda

d. Il-ġurnaliżmu bħala karriera

e. Il-poplu Malti – poplu bla dixxiplina

f. Aħjar uff inkella aħħ!

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

2. IT-TRADUZZJONI (5 marki)

*Agħmel traduzzjoni xierqa b'Malti idjomatiku ta' din is-silta:*

The Maltese Islands are studded with the remains of buildings belonging to the era when Malta was under the rule of Rome. Most of these buildings can legitimately be called villas because they were sited away from the cities, in the heart of the countryside or by the seaside. It is important to note, however, that there are essentially two types of Roman villas. The first, in modern terms, would be called a farm and consisted of a building incorporating rooms for dwelling and others for agricultural activities. The second type is strictly a residential villa, almost always adorned with marbles and mosaics.

(Addattata minn *Heritage: Roman Villa at Ramla Bay, Gozo* ta' Anthony Bonanno)

3. IL-LINGWISTIKA MALTIJA (10 marki)

*Agħżel mistoqsija **waħda**:*

a. Ikkummenta dwar il-bilingwiżmu f'Malta fid-diversi aspetti tiegħu.

b. Ikteb dwar il-ħolqien u s-sehem tal-omonimi u n-neoloġiżmi fil-proċess tal-bdil tat-tifsir tal-kliem.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | II |
| **DATA:** | 4 ta' Settembru 2013 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa nofsinhar |

**Trid titwieġeb kull taqsima.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
## Il-Poeżija tas-Seklu XX
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Il-pajsaġġ Malti jolqot lill-poeti b'mod differenti. Ikkummenta u agħmel referenza għal diversi poeżiji ta' xi wħud mill-poeti tas-seklu għoxrin.

b. Il-bniedem iħoss il-bżonn li jirrelata ma' ħaddieħor. Ikteb dwar kif diversi poeti, fil-poeżiji li kitbu, esprimew ir-relazzjonijiet tagħhom u kif dawn mhux dejjem irnexxew.

## TAQSIMA B
## Monografiji Poetiċi
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Pawlu Aquilina jittratta l-'progress' tad-dinja moderna. Iddiskuti b'referenza għall-poeżiji miġbura fil-monografija iddedikata lilu.

b. Ikteb dwar id-diversi aspetti fil-ħajja ta' Pawlu Aquilina li wasslu biex qanqlu fih emozzjonijiet diversi riflessi fil-poeżiji tiegħu.

ċ. L-esperjenzi personali ta' Maria Grech Ganado huma riflessi f'ħafna mill-poeżiji tagħha li jinsabu fil-monografija. Ikkummenta.

d. Ikteb dwar kif Maria Grech Ganado tħares lejn il-mara b'referenza għax-xogħlijiet poetiċi tagħha li nsibu fil-monografija.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Poeżija)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' **waħda** minn dawn iż-żewġ poeżiji:*

### a. IŻ-ŻMIEN GĦADDEJ

Iż-żmien bħal wied ħabrieki
Dejjem għaddej u jġorr li jsib quddiemu.
Ifejjaq ġrieħi,
Filwaqt li oħra jiftaħ.
Niket u ferħ, it-tnejn ma jafx x'inhuma.
U dejjem sejjer,
Dejjem rebbieħ,
Għaddej! ...

Mixruf fit-tieqa għaddejt waħdi żmien twil
Ngħarrex madwari.
It-tokki tqal mill-kampnar fil-qrib ħasduni.
Jiena ħarsti tfajt fuq maqdes qadim ħafna
Li dlonk fakkarni f'tant uċuħ ferrieħa
Li raddew ħajr lis-Sema
Għaż-żieda fil-familja.

L-istess maqdes fid-dalma tal-jum
Fakkarni f'uċuħ oħra,
Uċuħ imnikkta, b'għajnejn maħsula
Bi dmugħ sħun li ġelben
U qattar minn ħaddejn
Daqs il-lellux musfara.
Qlub mifnija għat-telfa,
Jew għal ta' ġewwa l-firda.

U ż-żmien igerbeb! ...
Jgħaddi maħrub, itir bla ħadd ma jżommu.
Iqaċċat, jidfen, għajjur
Għalih innifsu.
Għadu tal-għani, tal-ħakkiem wisq iżjed,
Wens għall-imnikket,
Għall-fqir it-tama.
U hu rasu 'l fuq, la jisma' u anqas jara
Dejjem rebbieħ,
Dejjem għaddej! ...
Għaddej! ...

Alfred Massa

**JEW**

b. **BLA DEMGĦA TA' BIKI**

Meta għal għarrieda
il-Mewt ħatfet lilek f'ġurnata,
u jien bqajt waħdi
ġo art il-barrani,
'il bogħod mill-għajnuna,
'il bogħod mill-mogħdrija,
jiena ma bkejtx …
u tlaqt minn fuq qabrek
bla demgħa f'għajnejja,
bla krib fuq xofftejja,
mingħajr eleġija,
qisni bla demm …
Għażiża Connie,
il-hemm tal-ħajja
nixxifli l-kanali t'għajnejja,
nixxifli l-għanjiet fuq xofftejja,
u bqajt bħal kitarra bil-kordi maqtugħa,
u bqajt bħal miblugħ,
b'għajnejja skantati
bħall-għajnejn kbar u vjola
tax-xewk imnixxef,
li jħarsu ċassi
fix-xagħri li ħaddret bil-ġmiel tar-rebbiegħa,
u issa maħruqa
mill-ħerqa u l-ħerba tas-sajf.

Anton Buttigieg

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | III |
| **DATA:** | 5 ta' Settembru 2013 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa nofsinhar |

**Trid titwieġeb kull taqsima.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
## Id-Drama
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Il-karattri f'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant jiffurmaw ambjent li fi ħdanu huma jiżviluppaw lilhom infushom u jiżvolġu l-identitajiet tagħhom. Iddiskuti billi tirreferi għal uħud minnhom u għal sitwazzjonijiet importanti fid-dramm.

b. Agħżel karattru wieħed minn *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant u ikteb dwar ix-xejriet essenzjali tal-personalità tiegħu, fiha nnifisha u f'rabta mal-karattri l-oħra.

ċ. It-tifsira tad-dramm *Menz* issib il-qofol tagħha fil-karattru tal-protagonista minħabba li kollox idur madwaru. Iddiskuti x'jagħmel Francis Ebejer biex jilħaq dan l-għan fid-dramm tiegħu.

d. *Menz* ta' Francis Ebejer jippreżenta karattru li jrid jaqta' r-relazzjonijiet tiegħu minn mal-oħrajn u jispiċċa biex jingħalaq fih innifsu. Iddiskuti dan il-punt billi turi l-messaġġ li joħroġ minn dan id-dramm.

## TAQSIMA B
## In-Narrattiva
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. *Leli ta' Ħaż-Żgħir* huwa l-istorja tal-vjaġġ li jgħaddi minnu Leli, il-karattru li jfittex is-sens tal-ħajja tiegħu. Iddiskuti dan il-punt fir-rumanz ta' Ġużè Ellul Mercer.

b. *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer hu rumanz dwar l-importanza assoluta tal-edukazzjoni biex persuna tgħix tajjeb u fil-paċi mal-oħrajn u magħha nnifisha. Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

ċ. Iddiskuti għaliex *Ħala taż-Żgħożija* ta' Lino Spiteri jista' jitqies bħala ktieb li jagħti stampa u interpretazzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-klassijiet soċjali fil-ħajja Maltija.

d. F'*Ħala taż-Żgħożija* ta' Lino Spiteri hemm persunaġġi li jixxiebhu daqskemm hemm oħrajn li huma differenti għalkollox minn xulxin. Iddiskuti.

**TAQSIMA Ċ**
**Il-Kritika Letterarja (Proża)**
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta'* ***waħda*** *minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża:*

**a. Is-Seħer tal-Ħsieb**

Dik il-lejla domt naħseb ħafna fuq il-ġrajjiet ta' Mikiel u Ġamri u dwar kif tista' titbiddel ħajja bi ftit tal-ħsieb tajjeb li jgħaddi minn moħħ bniedem bil-għaqal, għalkemm dan il-moħħ jista' jkun mingħajr tagħlim bħal ma kien moħħ Luqa.

Huwa minnu li l-bnedmin kollha għandhom moħħhom tajjeb jekk dan il-moħħ jagħrfu jħaddmuh. Il-moħħ huwa maħluq biex jitgħallem u l-maħluqin li ma jagħmlux ħilithom biex jiftħu moħħhom, ikunu qegħdin jidinbu bi ħsara tagħhom infushom u jagħmlu għajb lill-Ħallieq li tahom din il-qawwa li huma jħallu rieqda.

Huwa l-moħħ li jagħmel lill-bniedem għani u hieni. Mingħajr tmexxija tajba ta' dik il-ħaġa żgħira, ħafifa u għażiża, li hija msejħa moħħ, ma nistgħu nirnexxu fl-ebda ħaġa.

Missier Mikiel ma kellux moħħ miftuħ aktar milli kellu moħħu miftuħ missier Ġamri; kienet il-qagħda fil-ħajja ta' missier Mikiel, bogħod mill-ħbieb ħżiena u fil-ħemda tal-għelieqi, li ħallewh jaħseb bil-għaqal fil-ġejjieni ta' ibnu u tiegħu u ġegħluh jifhem dak li kellu jagħmel.

Filwaqt illi missier Ġamri, imdawwar bi ħbieb ħżiena, ma seta' qatt iħaddem moħħu biex jaħseb fit-tajjeb. Il-ħbieb ħżiena jtellfuk u jdarruk għemilhom aktar bil-ħeffa milli tista' titgħallem l-għemil it-tajjeb. Il-mard jittieħed wisq aktar mis-saħħa.

Daqqiet ħsieb wieħed tajjeb jiswielek seħer. Is-seħer tal-ħsieb.

(minn *L-Ibleh* ta' Ġużè Orlando)

## JEW

### b. Wiċċ mill-Qrib

Issa dawwar wiċċu frontali lejja, u rajtu sew u għall-ewwel darba. U dik id-dehra tiegħu li rajt ma ninsieha qatt! Xiħ għakka, xagħar folt magħqud fiddien li jdawwar wiċċ żgħir u mixrub li naħseb bilkemm akbar minn dak ta' tifel ta' xi ħames snin, iżda mimli tikmix u xquq fondi u sofor. Stajt nara l-vini kollha ta' wiċċu, kemm dawk l-irqaq kif ukoll dawk ftit eħxen, għaddejjin taħt il-ġilda rqiqa ta' dak wiċċu. Għall-ewwel, ngħid is-sew, tmeżmiżtu, wiċċ imnażża' minn kull ħaġa li tista' tħajrek, iżda l-imġiba tiegħu kienet ħelwa, xejn suppervja u ħżunija. Qalb dak it-tikmix, fetħa għera żgħira fonda, il-ħalq, u taħtu, geddum maħruġ kemxejn għall-ponta. Imnieħer, jekk nista' ngħidlu mnieħer, ħotba sewda maqlugħa 'l barra, iżda għajnejh, kbar u suwed, jixhdu dehen u nar jaħraq, jibbru dejjiema taħt ħuġbejn bojod silġ. Kellu bħal qishom boroż taħt għajnejh, minfuħin, skuri, jagħtu fil-vjola, naħseb effett tax-xjuħija bla dubju ta'xejn. Qisu kien ilu ma jorqod. Ir-ras tiċċaqlaq 'l hawn u 'l hinn, bil-mod, qisha ma' xi mużika li ma tinstemax minn widnejn umani, u tinġibed xi kultant maċ-ċaqliq tiegħu, bħar-ras tal-kobra. L-irquqija tal-ġilda tiegħu stħajjiltha bħal bdiet tħalli d-dawl pur ta' ruħu jitmewweġ 'il barra minnu.

Mixħut hemm, mgħawweġ ganċ, kien jidher tassew ta' għamla żgħira, imma minkejja kollox, kellu madwaru sens ta' kobor moħbi, u ħsus ta' qawwa mitlufa li għalkemm illum rieqda jew batuta, kienet hemm, tinħass, lesta biex terġa' taqbeż għad-deher u għall-beraħ f'każ ta' ħtieġa. Il-mod kif beda jċaqlaq u jxejjer subgħajh irqaq waqt li jitkellem ġabli d-dehra taż-żahar tal-fjuri jitmewġu b'delikatezza fiż-żiffa melliesa f'jum fietel tar-rebbiegħa.

(minn *Anastasia* ta' Edgar Formosa)